# Għażiża Knisja...

DUN HECTOR SCERRI

Dan hu t-test tad-diskors li għamilt fiċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana fi tmiem l-ewwel fażi tas-Sinodu.

*Knisja li hi f'Malta, min tgħid li int?*
*Xi tgħidilna fuqek innifsek?*
*X'rabta għandek mas-soċjetà Maltija?*

Tnħares lejk, għażiża Knisja... Int l-Omm li wellidtni fi Kristu. Nitgħaxxaq bik, Knisja li hi hawn f'Malta, u dlonk nistqarr li inti minsuġa b'rabta hekk qawwija - li ħadd ma jista' jħollha - mas-soċjetà tagħna. Ħajta ma' ħajta, f'nisġa waħda. Demmek huwa demmna. Ħajtek hija ħajjitna.

Knisja qrib tal-poplu

Knisja li nafuha qrib tagħna fil-ġrajjiet ta' ġensna, kemm dawk tad-deheb, kif ukoll dawk suwed. Knisja li tifraħ ma' min jifraħ. Knisja li tibki ma' min jibki. Knisja li tisma' u li tħoss it-taħbit ta' qalbi u ta' qalbek. Knisja li kienet, hi u tibqa' miegħek u miegħi.

"L-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum, fuq kollox tal-foqra u ta' dawk li jbatu, huma wkoll il-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib (tiegħek, Knisja), u ma hemm ebda ħaġa li hi tassew tal-bniedem" (ara *Gaudium et Spes*, 1) li Int ma tħosshiex tiegħek. Knisja magħġuna mal-esperjenza tal-bniedem, u t-tlugħ u nżul li lkoll ngħaddu minnu, kemm individwalment kif ukoll bħala poplu.

Knisja, min jaf kemm forsi nqasniek! Kemm tebbajnihulek ġmielek! Int l-għarusa ta' Kristu u l-Ġisem tiegħu. Inti safja bħal qatra nida li mal-ewwel merżuq tas-sebħ titħejja biex tinġibed mis-sħana mellisija tax-xemx sajfija tagħna.

Imma, int ukoll imtebbgħa għax ferejtek bi dgħjufiti u bi dnubieti. Imma xorta nħobbok, Knisja tagħna. Irrid narak aktar qaddisa, billi lkoll flimkien nimpennjaw ruħna li kuljum nimxu b'fedeltà akbar wara Kristu.

Mhux dejjem fhimniek, mhux dejjem ħaddanna l-għażliet tiegħek. Mhux dejjem spikkat fina l-imħabba. Forsi naffarna lil min ried jersaq lejk. Forsi konna saħansitra bħal pinnur li jdur ma' kull riħ, minflok ma għażilna li niffissaw ħarsitna fqira u dgħajfa fuq Kristu, ir-Ragħaj il-kbir tan-ngħaġ.

Knisja li hi melħ, dawl u ħmira

Mingħajrek ma konniex inkunu dak li aħna llum. Ġenwinament tinteressa ruħek fil-bniedem sħiħ. Tfittex lil kulħadd, anke dawk li għal xi raġuni



32/293

tbiegħdu. Tgħarrex għall-batut, bħall-missier tal-parabbola, ħali fl-imħabba. Tistinka biex twieżen l-imwarrab li jgħix fi truf is-soċjetà tagħna.

Knisja, li Int kull wieħed u waħda minna, kompli ngħata, kompli midd id ta' ħbiberija lil kull Malti u lil kull Maltija li forsi jħossuhom imweġġgħin, jew li qed jixxenqu għall-wens tiegħek. Kompli stinka, kompli agħti lilek innifsek bħal melħ li jrid jinħall u jgħib u *jintilef* biex jagħti t-togħma.

Kompli agħti lilek innifsek bħaż-żejt f'musbieħ inemnem li jrid jinħela biex jagħti mqar nitfa dawl biex jikser id-dalma li fiha jinsabu xi wħud minn ħutna l-għeżież.

Kompli agħti lilek innifsek bħal ponn ħmira li jintilef u jgħib fil-għaġna tal-furnar, imma li jġib bidla li tara b'għajnejk. Knisja, din hi s-sejħa tiegħek! Din hi s-sejħa tagħna lkoll... li fil-ħajja u l-missjoni tagħna ta' mgħammdin inġeddu l-impenn tagħna li nkunu ħmira fil-għaġna, melħ ta' din l-art, u dawl għas-soċjetà Maltija.

Merħla ċkejkna, la tibża' xejn! (ara Lq 12,32)

Anke jekk il-knejjes u l-kappelli tagħna xi kultant jidhru inqas mimlija minn dan, m'għandiex għax naqtgħu qalbna. L-Imgħallem stess tagħna wissiena: "Le, merħla ċkejkna, tibżgħu xejn, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-Saltna!" Merħla ċkejkna, tibżax!

Ieqaf ftit, idħol fik innifsek u aħseb. X'irid il-Mulej minna llum?... Żgur li jrid xhieda aktar awtentika minnek u minni. Irid imgħammdin konvinti mill-għażla li għamilna li nkunu dixxipli tiegħu - dixxipli b'mod sħiħ u mhux ta' nofs kedda. Ifisser li flimkien inħaddnu b'qalb miftuħa l-valuri tal-Vanġelu. Ifisser li nxandru b'ħajjitna l-fidi li writna, it-tama li tkebbes 'il qlubna, u l-imħabba tal-aħwa.

Knisja, kompli agħraf is-sejħa tiegħek li tkun profeta, billi bil-polz tal-bniedem f'idejk, tagħraf taqra s-sinjali taż-żminijiet fis-soċjetà tagħna u fid-dinja lil hinn minn xtutna. Darba, Mosè qal lil Ġożwè: "Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti, u jalla l-Mulej iqiegħed fuqhom l-ispirtu tiegħu!" (Num 11,29).

Iva, Knisja li hi hawn f'Malta, kun profeta! Kun profeta permezz ta' kull Malti u ta' kull Maltija ta' rieda tajba. Kun profeta, u le tiċħad din is-sejħa li tak l-Imgħallem. Kun profeta quddiem l-irwiefen tal-lum. Kun profeta meta taqa' l-kalma. Kun profeta bin-nhar u bil-lejl. Kun profeta u, kif jgħid San Pawl Missierna, "xandar il-kelma, sus f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim" (2 Tim 4,2).

## Qalb waħda u ruħ waħda

Hekk kont fil-bidu, fil-kamra ta' fuq f'Ġerusalemm, ma' Marija, Omm Ġesù. U hekk iridek, u jridna, l-Imgħallem tagħna. Iridna flimkien: "Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa, li l-aħwa jgħammru flimkien!" (Salm 133,1).

Iva, iridna flimkien, kif jistqarr b'mod hekk sabiħ San Injazju ta' Antjokja meta jxebbah il-komunjoni fil-Knisja mal-qbil bejn il-kordi ta' ċetra, kif ukoll meta jisħaq: "Minħabba din l-għaqda ta' bejnietkom u l-imħabba li għandkom għal xulxin... għandkom tkunu qiskom kor, magħqudin flimkien f'sinfonija waħda, tieħdu flimkien in-nota minn għand Alla stess, ħalli b'leħen wieħed tkantaw innu lill-Missier b'Ġesù Kristu" (Ittra lill-Efesin).

X'se nagħmlu? Se nkunu u se nġibu ruħna ta' kor li jinseġ għanja li togħġob lil Alla? Se nkunu kor, fejn kulħadd - skond it-talenti u l-kariżmi li tah Alla - ikanta f'għaqda u f'armonija mal-oħrajn kollha?

Iva, il-Mulej iridna nkantaw flimkien. Iva, iridna nimxu flimkien. Iva, dan hu s-Sinodu Djoċesan: mixja flimkien... isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi, u lajċi flimkien... flimkien bħala Knisja, immexxijin mill-Ispirtu Qaddis li jgħaqqad flimkien, li jġedded, li jagħti l-għerf.

Saħħaħna bil-Kelma tiegħek, "ħajja u qawwija" (Lhud 4,12), Mulej, u wettaqna bl-Ewkaristija li tgħaqqadna madwar mejda waħda biex nieħdu sehem minn ħobża waħda u kalċi wieħed.

Heġġiġna, Mulej. Fawwar 'il qlubna biż-żelu, kif għamilt mad-dixxipli ta' Għemmaws li fissirtilhom l-Iskrittura u qsamt il-Ħobż quddiemhom. Imliena bil-ħeġġa biex inxandruk ħaj fostna.

"Mexxina int biex inwasslu (din) l-aħbar tajba, l-aktar bix-xhieda ta' ħajjitna, u biex naħdmu għal dinja aħjar. Ħa nkunu f'dan is-Sinodu sinjal ta' tama għas-soċjetà Maltija fil-millennju l-ġdid" (mit-Talba għas-Sinodu Djoċesan).

*Iva, Knisja li hi hawn f'Malta, din hi s-sejħa tiegħek!*
*Iva, din hi s-sejħa tagħna lkoll!*
*Iva, li nimxu lkoll flimkien!* ❖

---

God pardons like a mother who kisses the offence into everlasting forgetfulness.

*Henry Ward Beecher (1813-1887)*

A friend is someone who knows all about you, and loves you just the same.

*Elbert Hubbard (1856-1915)*

Anyone who looks for a friend without faults will be without friends.